MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 370/2010

**Cammast Properties Limited (C-5401)**
**Vs**
**George Debono**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn, mija, tmienja u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€2,158.12) rapprezentanti ammont mhallas lill-konvenut in eccess ta' dak li kien lilu dovut ghal xoghlijiet minnu ezegwiti f'sit fi Triq it-Torri, Naxxar.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru, 2009 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas milli jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2010 mill-Avukat Dr Anthony Cutajar.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------